**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 23 ta' Ottubru 2023**

**Rik. Gur.Nru: 91/2020 JPG**
**Kawza nru.: 20**

**AC**
**Vs**
**AF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' AC datat 15 ta' Gunju 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

a) *Illi huwa kien daħal f'kuntratt ta' kura, kustodja, aċċess u manteniment ma AF illi tiġi omm bintu D ta' X snin liema kuntratt kien datat 24 ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) redatt minn Nutar Francesca Portelli (vide Dok A);*

b) *Illi fl-imsemmi kuntratt, hawn anness u mmarkat bħala Dok A, il-kura u l-kustodja legali tal-Minuri ġiet fdata f'idejn il-missier (Ara Klawsola 3 fuq pagna 2);*

c) *Illi l-Omm ingħatat aċċess kull nhar ta' Ħadd mid-disgħa ta' filgħodu (9.00am) sal-ħamsa ta' wara nofs inhar (5.00pm) liema aċċess dejjem jingħata skont il-kuntratt għalkemm mhux dejjem jinżamm il-ħin bl-eżatt;*

d) *Illi il-missier għandu għajnuna kbira mill-familjari tiegħu sabiex jieħu ħsieb lill-*

*minuri u fil-fatt ommu u cioe` in-nanna tal-minuri, toqgħod mal-missier u tieħu ħsiebha meta huwa ikun xogħol;*

e) *Illi l-minuri mrobbija f'għożża kbira u hija tifla kuntenta, ferħana li tgħix ma missierha u nannitha u hija maħbuba wkoll mill-familjari tal-missier speċjalment minn zijuha, RC illi dejjem jara x'jagħmel biex jaraha kuntenta;*

f) *Illi sfortunatament hemm problemi kurrenti bl-aċċess li biċċiet minnhom ilhom jissussistu diversi snin, fosthom il-fatt illi l-Omm għamlet żmien tlaqqa' lill-minuri ma rġiel differenti illi hija kellha relazzjonijiet magħhom, u dan ma kien qed jagħmel l-ebda ġid lill-minuri;*

g) *Illi kull meta tmur għall-aċċess u l-minuri tkun liebsa lbies diċenti u pulit, addattat għal tifla ta' seba' (7) snin bħalma hija hi, l-omm tbiddlilha u tlibbisha affarijiet totalment mhux addattati għal tifla żgħira fosthom ilbies qasir, imqaċċat, żraben bit-takkuna u tagħmlilha ukoll il-make-up;*

h) *Illi barra minn hekk hija tlibbisha wkoll zgħir wisq għall-istatura tagħha tant illi il-ħwejjeġ iħallulha l-marki fuq ġisimha u t-tifla tkun skomda liebsa l-imsemmi ilbies, kif ser jigi pruvat ahjar waqt il-kawza;*

i) *Illi l-minuri tinsisti ma' ommha illi hija ma tkunx trid tbiddel għaliex taf x'itkun sa tlibbsilha pero' ommha tinsisti illi la tkun magħha trid tilbes li tgħidilha;*

j) *Illi l-minuri qiegħda tkun ukoll skomda ħafna meta tbiddel għaliex ommha tbiddlilha fil-preżenza tal-partner tagħha meta hija tifla skrupluża u mdorrija mod ferm differenti għand missierha, infatti biex tbiddlilha tkun trid biss lill-nannitha għaliex hija tifla riservata. Dan l-aħħar il-missier induna wkoll illi kienet qiegħda tbiddlilha fit-triq jew fil-latrini pubbliċi u ċertament dan m'huwiex aġir idoneu;*

k) *Illi l-minuri qed tgħid lill-missierha u l-familjari tiegħu illi mhux fair illi għandha tmur għand ommha, għaliex hija definittivament ma tkunx trid tmur magħha. Tibda' mill-bidu tal-ġimgħa tgħodd il-ġranet kemm fadlilha biex tmur m'ommha u saħansitra ġieli qaltilhom illi hija ma tiflahx biex tipprova tevita illi jibgħatuha magħha;*

l) *Illi l-omm hija traskurata mmens fejn tidħol il-minuri tant illi darba fost l-oħrajn tilfet lit-tifla il-Pama Supermarket li spiċċat kellha tmur il-Customer Care tal-istess stabbiliment biex jaraw l-omm fejn kienet;*

m) *Illi l-omm ma tagħti l-ebda każ tal-minuri meta tkun marida tant illi lanqas qatt ma ċċemplilha biex tara kif inhi anka jekk tkun taf li ma tiflaħx. Hija lanqas iċċemplilha minn darba s'oħra bejn l-aċċess biex tikkomunika magħha għall-ebda raġuni u anka meta kienet imsiefra qas qatt ma ċemplitilha biex tara kif inhi sejra għalkemm qabel telqet aċċertat ruħha li tgħidilha biex iġġibilha flixkun fwieħa!;*

n) *Illi l-omm ma tagħtix każ ukoll in-nutriment tal-minuri, dejjem skont dak li tgħid hija stess. Infatti kull meta tiġi mingħand ommha għand missierha hija tgħidilhom biex ifittxu jagħmlulha x'tiekol għaliex tkun bil-ġuħ u meta jistaqsuha xi tkun kielet dejjem tgħidilhom l-istess kliem 'soppa mielħa u chicken nuggets' meta għand missierha hija mdorrija tiekol ikel bnin u l-fast food huwa l-eċċezzjoni mhux in-norma;*

o) *Illi hija ma tagħtix każ l-andament edukattiv tal-minuri, la qatt tistaqsi dwaru u lanqas qatt tattendi funzjonijiet jew laqgħat tal-ġenituri ta' bintha;*

p) *Illi dan in-nuqqas ta' nteress huwa wkoll fuq saħħet il-minuri;*

q) *Illi l-omm sfortunatament konsistentement twebbes rasha meta il-minuri ma tkunx trid tmur magħha u toħodha kontriha tant illi per eżempju dan is-sajf għaliex il-minuri ma riedetx tmur magħha weekend break ma riditiex issiefer ma missierha u l-familjari tiegħu Gardaland meta huma kien ser imorru hemmhekk propju sabiex tieħu gost hi għaliex hija kienet l-unika tifla fosthom;*

r) *Illi tant għamlet minn kollox biex tħassrilha s-safra illi saħansitra meta ġew biex jagħmlulha l-passaport iffirmatu ħażin u meta marru jiġbruħ l-Awtorita' ma riedetx tagħtih lill-missier għaliex għalkemm kienet tagħtu l-ID card biex imur jiġbru hu, il-firem ma kienux jaqblu u eżigew illi tmur tiġbru l-omm. Wara dan l-episodju hija qalet lill-minuri li għaliex ma marretx magħha l-weekend break ma kienetx sejra tiġbrilha l-passaport u ma kienetx sa tħalliha ssiefer Gardaland;*

s) *Illi fil-fatt sabiex il-minuri siefret kellu jsir rikors appositu illi fl-aħħar mill-aħħar kienet baqgħet kontumaċi fih, xi ħaġa illi l-missier ħass illi kienet għamlet biss biex tneffqu l-flus tar-rikors;*

t) *Illi dawn huma biss ftit affarijiet mill-bosta affarijiet illi l-minuri tgħaddi minnhom ma ommha u li jagħmlu l-istess omm waħda mhux idonea biex tieħu ħsieb lill-istess minuri anke jekk biss għall-ammont ta' siegħat fil-ġimgħa u ma jagħmluhiex idonea illi tieħu deċiżjonijiet dwar il-minuri anka dawk rigwardanti l-edukazzjoni u s-saħħa;*

u) *llli barra minn hekk il-missier dejjem ħa ħsieb l-interessi ta' bintu bl-aħjar mod, jara illi jatiha kull ma jkollha bżonn, in fatti l-omm ma tgħaddix manteniment lilu għall-minuri, u sabiex ikun qiegħed f'pużizzjoni illi jgħinha ukoll fil-futur, iġemmagħlha l-flus kollha illi huwa jieħu taċ-Children's Allowance f'kont bankarju intestat f'isem ħuh, RC li semma' l-kont bankarju 'D Savings' kif jista' jiġi pruvat fil-mori ta' din il-kawża;*

*Tgħid għalhekk il-konvenuta għar-raġunijiet premessi, previa kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna għalfejn m'għandhiex din l-Onoroabbli Qorti:*

1. *Tappunta avukat tat-tfal sabiex jieħu ħsieb kull interess illi għandha l-minuri f'din il-kawża;*

2. *Tordna t-tneħħija tal-awtorita tal-ġenitur lill-istess konvenuta, omm il-minuri D, sabiex il-missier ikun jista' jieħu kull deċiżjoni rigwardanti l-istess minuri waħdu;*

3. *Twaqqaf kull aċċess illi l-omm għandha għall-minuri D;*

4. *Tordna illi ma jkunx hemm il-ħtieġa tal-kunsens tal-konvenuta sabiex jinħareġ passaport għall-minuri u u l-anqas l-obbligu illi jittieħed il-kunsens tagħha sabiex il-minuri tkun tista' ssiefer.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta minn issa in subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti annessi u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' AF datata 21 ta' Awwissu 2020, afol 16 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament, il-pretensjonijiet ivvantati mill-attur huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet kif postulate fir-rikors guramentat tieghu ghandhom jigu michuda;*

2. *Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni u mil-liema relazzjoni twieldet il-minuri DC nhar il-wiehed u tletin (31) t'Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012), u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid li qeighed jigi hawn anness u mmarkat bhala dok 'AF1'. Illi l-istess relazzjoni spiccat u l-partijiet dahlu f'kuntratt ta' kura u kustodja, access u manteniment fl-atti tan-Nutar Dr. Francesca Portelli nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015).*

3. *Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur u dan stante illi l-esponenti dejjem rat l-aqwa u l-ahjar interessi tal-minuri. Illi filfatt kien dan il-fatt illi l-esponenti kienet accettat illi l-kura u kustodja u r-residenza primarja tal-minuri D tkun mal-missier, li kien finanzjarjament iktar komdu mill-esponenti. Illi l-attur jaf ben tajjeb illi l-fatti kif elenkati fir-rikors fir-rikors guramentat promotur ma ghandhomx mis-sewwa bil-ghan wahdieni illi joskura l-persuna tal-esponenti li minn dejjem ghamlet sagrificcji kbar ghall-minuri;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha anke bin-nomina ta' social workers opportuni, tara dak illi l-minuri attwalment tixtieq u dan qieghed jinghad peress li l-minuri qieghda tigi mmanipulata mill-missier u l-familja tieghu sabiex tixhed kontra l-omm meta fil-verita' hija dejjem tistqarr mal-Omm illi hija tixtieq tqatta' iktar hin maghha, liema xewqa l-attur dejjem ogezzjona minghajr ma kkunsidra x-xewqat tal-minuri u l-bzonnijiet taghha;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, lanqas ma huwa totalment korrett dak li l-attur indika fil-premessa mmarkata (c) u dan stante illi l-partijiet kienu ftehmu illi primarjament l-access kellhu jkun wiehed liberu u f'kaz ta' nuqqas ta'qbil l-esponenti jkollha access "kull nhar ta' Hadd mid-disgha ta' filghodu (9.00am) sal-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm)". illi filfatt l-attur qatt ma accetta li jaghti*

*iktar access lill-esponenti u dan minkejja l-htiega illi l-minuri jkollha l-presenza tal-Omm f'hajjitha, liema decizjoni tal-attur kienet msejsa biss minn pika u zgur m'ghandhiex l-aqwa interess ta' D;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'referenza ghall-premessi ndikati (f), (g), (h) u (i), l-esponenti qieghda tichad bil-qawwa illi hija qatt libset lill-minuri lbies qasir mhux addattat ghall-eta' taghha. Illi filfatt il-minuri tmur ghand l-esponenti ghal ftit sieghat matul il-Jum tal-Hadd, u cioe' bejn id-disgha (9.00am) ta' filghodu u l-hamsa ta' filghaxija (5.00pm) u ghalhekk il-minuri tibqa' bl-istess tibdila li jkun taghha l-attur. Illi filfatt l-esponenti tbiddel biss lill-minuri meta l-missier ma jibghathiex b'ilbies addattat jew sahansitra lbies antik u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti dejjem hadet interess ghall-bzonnijiet tal-minuri inkluz il-bzonnijiet edukattivi u ta' sahha tal-minuri. Illi mhux minnu dak li l-attur qieghed jallega illi l-esponenti ma tiehux hsieb tivverifika kif inhi l-minuri u dan stante illi l-esponenti dejjem tara l-bzonnijiet ta' bintha. Illi inoltre l-attur naqas jissoleva li hu ma jaghti l-ebda informazzjoni lill-esponenti rigwardanti s-sahha u edukazzjoni tal-minuri, u qieghed jikser l-obbligi assunti permezz tal-kuntratt ta' kura u kustodja su-citat. Illi filfatt huwa l-attur u l-familja tieghu illi b'kull mod jipprovaw jimpedixxu kuntatt bejn l-omm u l-minuri inkluz diffikultajiet ghall-esponenti sabiex tezercita l-access tant illi ghal diversi drabi kellha tintalab l-assistenza tal-Pulizija Ezekuttiva, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

8. *Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost, fil-maggoranza tal-hin il-minuri ma tkunx mal-attur izda man-nanna paterna taghha. Illi filfatt l-esponenti kemm il-darba talbet sabiex f'kas li l-minuri ma tkunx mal-Missier hija zzomm lill-minuri hija stess, pero' l-attur a bazi ta' pika dejjem irrifjuta u dan minghajr ma jara l-interess primarju ta' D li ghandha l-htiega li tqatta' hin ma ommha li tant thobb u tiehu hsieb u ma' ohtha;*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, lanqas ma huwa korrett dak li l-attur qieghed jghid bil-gurament tieghu in rigward il-hrug tal-passaport u l-mawra gewwa Gardaland. Illi ghal darba ohra l-attur qieghed jigdeb b'mod sfaccat u jipprova jabbuza u joskura l-persuna tal-esponenti u dan primarjament peress illi*

*ghajr mir-rikors li l-attur kienipprezenta, l-esponenti qatt ma kienet giet infurmata bl-arrangament tas-safar. Illi kuntrarjament ghal dak dikjarat bil-gurament mill-attur fil-premessa (s), l-esponenti kienet intavolat risposta ghar-rikors tal-attur. Kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dok 'AF2';*

10. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jigi muri l-esponenti hija omm ddedikata lejn bintha u zgur li ma hemmx l-estremi li titnehha lilha l-awtorita' tal-genitur u zgur mhux fl-aqwa u fl-ahjar interess tal-minuri illi jinqata' l-access versu l-omm u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto ghar-ragunijiet su-indikati.*

11. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet x-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur:

Rat illi l-intimata ma intavolat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet:

**Ikkonsidrat:**

***L-attur xehed nhar it-3 ta' Gunju 2021 (vide fol 43A et seq)*** u spjega illi l-minuri, bint il-partijiet, tirrisjedi mieghu m'ommu u ma' huh, sitt (6) ijiem fil-gimgha. Jishaq illi minn dejjem kien hemm dan l-arrangament, filfatt dan kien ukoll il ftehim li sar fil-kuntratt ta' kura u kustodja, access u manteniment li sar bejn il-partijiet. Izid illi l-intimata ma timxix ma' dan il-kuntratt, b'dana illi ikun hemm okkazzjonijiet fejn hija jew tigi ghal minuri qabel il hin miftiehem jew tirritorna lill-minuri tard.

Jixhed illi l-minuri mhux qieghda tkun trid tmur mal-omm, tant li t-tifla qieghda tibza' mill-omm, peress li l-omm qieghda tbiddilha f'latrini pubblici, barra fit-triq, u tlibbisha hwejjeg li mhumiex addatati ghaliha u li huma ukoll zghar fid-daqs. Izid illi l-omm m'ghandhix residenza stabbli u filfatt bhalissa qieghda tirrisjedi mal-*partner* taghha. Jispjega illi l-minuri tibda mill-Erbgha tghidlu li ma tridx tmur ma' ommha nhar ta' Hadd. Jirrileva ukoll illi l-ikel li tippreparalha l-omm mhuwiex wiehed san, ghaliex it-tifla tghidlu li normalment taghmilha jew xi soppa mielha, chicken nuggets, pizza jew burger. Jirrakonta illi it-tifla wara gurnata mal-omm, giet mixwija bix-

xemx.

Jispjega illi fi zmien il-pracett, hu kien xtralha libsa tal-precett, u l-omm xtratilha libsa ohra. L-omm kellha tiehu lit-tifla l-purcissjoni ta' Corpus, izda minn dak li qaltlu l-minuri, l-omm ma hadithix. Ghalkemm huwa kien qal lill-intimata li setghet tlibbes lit-tifla l-libsa tal-precett li xtratilha hi, din il-libsa kienet tidher illi din ma kienitx f'kundizzjoni tajba tant li z-zip inqasam. Jirrileva illi l-minuri generalment ma semmijhiex lil ommha minn darba sa ohra, u piuttost il-minuri tibda minn nofs il-gimgha tghidlu li ma tridx tmur. Jispjega ukoll illi da parti taghha l-omm ma tantx tikkomunka ma bintha telefonikament matul il-gimgha.

L-attur jispjega illi huwa jahdem f'hanut tal-laham fil-kariga ta' *supervisor* u jahdem mis-sebgha' ta' filghodu sat-tmienja ta' flghaxija. Illi l-minuri tkun ma' ommu u cioe man-nanna paterna, u fix-xoghol tal-iskola jghinha huh u cioe iz-ziju patern tal-minuri. Jixhed illi lill-minuri haduha *Gardaland,* u anke *cruises* u filfatt l-intimata anke ffirmat xi applikazzjonijiet ghat-tigdid tal-passaport tal-minuri b'mod inkorrett.

***L-attur prezenta ukoll affidavit (vide affidavit a fol 91)*** fejn flimkien mal-istess affidavit huwa prezenta statement bankarju indirizzat f'isem RC, li huwa huh, u liema kont huwa maghruf bhala D child Allowance bin-numru 40022434805. Jispjega illi huh dejjem ha hsieb l-affarijiet tat-tifla bl-ahjar mod u li ser jibqa' jaghmel hekk sakemm l-minuri jkollha l-eta' taghha.

***In kontro-ezami nhar l-20 ta' Gunju 2023, (vide fol 254 et seq)*** l-attur ikkonferma illi qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' bejniethom, kien hemm perjodu fejn l-intimata ma kienitx qieghda tithalla tara lill-minuri. Jispjega illi gara hekk ghaliex l-intimata, u kienet qieghda tiehu xi medicina u anke tixrob l-*alcohol* maghhom. Illi di piu l-intimata kienet dejjem tara xi problemi ser taqla u tinvolvi lil pulizija. L-attur jishaq illi hu qatt ma kien vjolenti lejn l-intimata u li meta kien hemm proceduri kriminali dejjem hareg liberat. Jammetti illi hu ma riedx jaghtiha lil D meta telqet ghaliex it-tifla hija tieghu. Jikkonferma ukoll illi l-intimata ghamlet minn kollox ghaliex riedet tara lill-minuri, u jikkonferma ukoll illi l-intimata illum tixtieq li tara lill-minuri izjed pero' jinsisti illi l-minuri tghidlu li ma tiehux pjacir ma' ommha. Jichad li t-tifla tghidlu li ma jkunux ghamlu xejn biex ma tweggawhx ghaliex kull nhar ta' Erbgha il-minuri tibda tghidlu li ma tridx tmur ma' ommha il-Hadd. L-attur jishaq illi t-tifla mhiex tifla li thobb tigdeb u hija it-tifla li ma tridx tmur mal-omm, u lanqas ma titlob li ccempel lill-ommha. Mistoqsi jekk pruvax jinvestiga din il-kwistjoni li l-minuri ma tridx tmur tara lil ommha permezz ta' *counseling,* l-attur wiegeb illi qatt ma ha azzjoni ta' din it-tip.

**In ri-ezami,** l-attur jikkonferma illi li kieku l-minuri tghidlu li qieghda tiehu pjacir waqt l-access ma' ommha, huwa ma jkollu l-ebda oggezzjoni ghall-access, u ikkonferma ukoll okkazzjoni minnhom fejn waqt li kienu qieghdin fejn l-ufficju tal-avukat difensur tieghu, il-minuri kienet harget mill-karozza tigri tibki u tistaqsi jekk hux ser jitwaqqaf l-access mal-omm.

***L-intimata xehdet nhar l-14 ta' Ottubru 2021 (vide fol 90C et seq)*** u spjegat illi hi ghandha tifla minn relazzjoni precedenti u fil-bidu tar-relazzjoni taghha mal-attur, l-attur kellu relazzjoni tajba anke ma' bintha. Illi kif harget tqila madwar erba xhur wara li bdew ir-relazzjoni taghhom, l-attur beda jsawwat kemm lilha u kif ukoll lil bintha. Tixhed illi hi marret tirrisjedi mal-attur mal-ewwel, flimkien ma' bintha u dak iz-zmien kienu jghixu r-Rabat ghand omm l-attur. Tispjega illi bintha kienet torqod fil-kamra ma' omm l-attur. Tirrileva illi l-minuri ma kienitx pjanata u meta l-kontendenti saru jafu bit-tqala, bdew l-argumenti bejniethom. Isostni illi l-attur kien johorg nhar ta' Hadd jixrob u kif kien imur lura d-dar u kien jizvoga u jerfa' jdejh fuqha u fuq bintha li dak iz-zmien kienet ser taghlaq erba' snin. Illi meta twieldet il-minuri D, l-attur baqa' jsawwat lil bintha l-ohra, u hi flimkien ma' bintha telqu mir-Rabat u marret tghix ma' ohtha l-Mosta. Tixhed illi meta kienet ccempilu biex tmur tara lil D, kien jheddidha illi jekk tmur taraha ser joqtol kemm lilha, kif ukoll lil bintha l-ohra.

Tishaq illi bintha l-kbira kienet qieghda timrad ghaliex ma kienitx qieghda tara lil ohtha, u fl-ahhar l-intimata kellha taccetta li tara lil D fil-*weekends* biss. Illi kien hemm drabi fejn l-attur ma kienx qieghed ihalliha tara lil D, u omm l-attur u l-*partner* taghha kull darba li jmorru ghal D kienu johorgu ghalihom u anke pruvaw jifgaw lil bintha l-kbira, tant li f'okkazzjoni minnhom spiccat korriet wara li waqghat meta kien ghad kellha xahrejn tqala. Tixhed illi gieli tirritornaha kwarta tard ghaliex it-tifla ma tkunx trid titlaq minn maghha u tinsisti illi matul il-gimgha gieli ccempilha lill-minuri u omm l-attur kienet tezigi biex t-tifla tghid lil ommha biex ma tibqax ccempilha. Tixhed illi nhar ta' Hadd johorgu lit-tifla fejn tkun trid tmur hi u D ghandha relazzjoni tajba hafna anke mat-tarbija l-gdida. L-omm tistqarr illi l-minuri tghidilha illi ma tantx tkun ma' missierha u tkun hafna man-nanna. Fir-rigward il-kwistjoni tal-hwejjeg, l-omm tishaq illi l-attur ma jibghatix libsa sew, u peress li bintha l-kbira tkanta, huma jmorru libsin pulit bhal haddiehor, u ghalhekk hija xtrat xi hwejjeg ghal D, u taghzel il-minuri x'tilbes minn dawn il-hwejjeg.

***Ri-prodotta nhar it-22 ta' Mejju 2023 (vide fol 227 A et seq),*** l-intimata tishaq illi jkun hemm drabi fejn hija jkollha tinsisti mal-attur sabiex tkun tista tmur ghall-minuri, peress li dan l-ahhar qieghed icempilha jghidilha li t-tifla ma tiflahx, jew ghandha x'tistudja. Tishaq illi l-minuri qatt

ma qaltilha li hija mdejqa anzi, tant tkun qieghda tiehu gost, illi tispicca tirritornaha tard propju ghaliex il-minuri ma tkunx trid titlaq minn maghhom. Tixhed illi nhar ta' Hadd huma johorgu u tkun il-minuri li taghzel fejn imorru, generalment il-minuri thobb tmur *picnics*, u fis-sajf imorru gurnata l-bahar. Meta jkunu id-dar il-minuri tiehu pjacir tqatta hin maghha u mat-tarbija z-zghira. Izid illi l-minuri tkun tixtieq li tmur *weekend break* maghhom, izda sabiex tevita argumenti bejnha u l-attur, iddeciedi li taqbad u ma tmurx.

L-intimata tispjega illi huwa l-*partner* taghha li jghinha finanzjarjament ghaliex hija ma tahdimx peress li hija l-*primary care giver* tal-minuri uliedha l-ohra.

***MC omm l-attur, xehdet nhar is- 26 ta' Jannar 2023 (vide fol 189 et seq)*** u spjegat illi l-minuri ilha tirrisjedi maghha minn meta twieldet u tkun hi li toqghod mal-minuri. Tixhed illi ghandhom relazzjoni tajba hafna. Tishaq illi meta l-minuri ikun imissha biex tmur ghand ommha, tibki u tghidilhom li ma tridx tmur. Meta tigi lura, it-tifla ukoll tigi tibki u tghidilha biex ma tibghathiex u anke titlobha biex taghmilha tiekol ghaliex m'ommha tkun kielet *junk food* jew xi *appetizers*. Illi recentement wara l-access mal-omm, il-minuri giet tibki, u inghalqet gol karma u qaltilha illi tghidx kemm isuqu bil-karozza. Tixhed illi minn dak li tghidilha t-tifla, it-tifla ma tiehux wisq gost meta tmur ma' ommha. Tinsisti illi huma joqghodu hafna attenti biex lit-tifla ma jghabbuhiex b'pizijiet inutli u huma ma jghidux diskors fuq l-omm fil-presenza tal-minuri pero' t-tifla gieli tghidilha li ommha u l-*partner* taghha jiggieldu ta' spiss.

***In kontro-ezami, nhar l-20 ta' Gunju 2023 (vide fol 248 et seq)*** filwaqt illi taqbel li binha, Ray ikun ghandhom id-dar ta' spiss, tikkonferma illi huwa jmur jorqod id-dar tieghu, u ghalhekk ikunu biss hi, il-minuri u l-attur id-dar. Tishaq illi dak li xehdet hi huwa dak li tigi tghidilhom il-minuri wara l-access mal-omm, ghaliex ovjament hija ma tkunx mal-minuri waqt l-access. Tixhed illi huma ma jsemmux lill-omm id-dar, u filfatt ma taqbadx l-argument fuq l-omm mal-minuri. Tichad illi hi ma kienitx tiehu gost meta l-intimata kienet ccempel ghandhom id-dar biex tkellem lill-minuri. Mistoqsija fuq l-eventwalita li tizdied gurnata ohra access mal-omm, ix-xhud tirrileva illi l-problema li hija tara huwa l-fatt li l-minuri ma tridx tmur ma' ommha u toqghod tibki. Izzid illi huma jghidulha li huma biss ftit sieghat li tqatta' mal-omm izda l-minuri tibqa' tinsisti li ma tridx tmur. Tispjega illi wara l-access, l-minuri tmur tinhasel, tghidilha jekk kienux hargu jew le, u ssaqsiha jekk ghandhiex ikel lest ghaliha u daqshekk. Konfrontata bil-possibilita' li l-minuri tkun qieghda tigdeb meta tghidilhom li ma tkun marret imkien, ix-xhud tinnega dan ghaliex meta jkunu hargu tghidilhom li marru l-bahar, jew li marru jixtru imbaghad marru d-dar. Ix-xhud tichad li l-minuri qieghda tigdeb biex ma tweggahomx. Izzid illi mhuwiex minnu li binha ma riedx jaghtiha

lill-minuri meta telqet minghandhom, izda ma setghax ghaliex l-intimata ma kienitx f'qaghda stabbli.

***RC, hu l-attur, xehed nhar is-26 ta' Jannar 2023 (vide fol 185)*** u spjega illi huwa joqghod ir-Rabat filwaqt li ommu, il-minuri u huh l-attur jghixu l-Imtarfa. Jixhed illi D minn dejjem ghexet maghhom u peress li bhalissa qieghed jahdem mid-dar, qieghed iqatta' hafna hin maghha u anke jghinha bix-xoghol tal-iskola u anke jwassalha l-privat meta huh ikun xoghol. Ix-xhud jikkonferma illi l-minuri tmur tajjeb hafna l-iskola, u l-minuri tistudja bla problemi. Izid illi apparti l-privat, il-minuri tattendi ukoll *martial arts*, u meta jkollhom cans johorgu jilghabu barra, jew il-bandli. Jishaq illi l-*leave* tieghu u dak ta' huh idur madwar il-minuri. Jixhed ukoll illi huwa jiehsu hsieb ifaddal xi flus ghal minuri. Jispjega ukoll illi darba fis-sajf isiefru l-familja kollha, izda dan l-ahhar kien qieghed ikollhom il-problemi minhabba l-omm.

Ix-xhud jishaq illi meta l-minuri jkun imissha l-access mal-omm, tibda tibki biex ma tmurx minn nofs il-gimgha. Illi l-omm daqqa tkun fil-hin, daqqa kmieni u daqqa tard, u l-istess mat-tmiem tal-access. Jixhed illi kif tasal lura l-minuri tkun trid tiekol, ghaliex tigi bil-guh. Izid illi l-minuri tghidilhom li jew tkun kielet soppa tal-pakkett, jew xi chicken nuggets, jew appetizers u dana peress li li qabel mal-omm kellha it-tarbija, kienu jmorru jixorbu bit-tfal maghhom u kienu jieklu l-ikel li jqassam tal-bar. Izid illi ikun hemm diversi drabi fejn il-minuri taghmel xenati shah biex ma tmurx mal-omm kemm qabel l-access u anke wara. Jispjega illi l-minuri tghidilhom li hi thossha mwarba meta tkun ma' ommha, l-*partner* taghha u hutha. Isemmi episodju fejn fl-ewwel tas-sena wara l-access il-minuri kienet inkwetata hafna, u qaltilhom illi ommha u l-*partner* taghha kellhom glieda, u li xhin wassalha l-*partner* tal-omm, bil-minuri bilqeghda quddiem, kien qieghed isuq b'velocita' gholja. Jinsisti illi huma d-dar ma jmsemmuhix lill-intimata.

***In kontro-ezami nhar l-20 ta' Gunju 2023, (vide fol 243 et seq)*** jikkonferma illi peress illi huwa jahdem tliet darbiet fil-gimgha mid-dar, huwa jkun qieghed id-dar x'hin tasal il-minur mill-iskola, u allura hafna mill-hin huwa jkun qieghed ghand huh flimkien mal-minuri. Jixhed illi huwa ma jkunx mal-minuri waqt l-access taghha mal-omm, izda huwa xehed fuq dak li tghidilhom il-minuri wara l-access mal-omm. Huwa jichad li l-minuri qatt qaltilhom li xtaqet iktar hin mal-omm, anzi l-minuri tghidilhom illi hi lanqas tkun trid tmur ma' ommha, u li din ir-riluttanza kienet qieghda timmanifestaha minn meta kellha madwar hames jew sitt snin. Jinsisti illi huwa dejjem jghidulha illi l-gurnata tal-Hadd huwa l-hin ta' ommha u li ghandha tmur ma' ommha, izda l-minuri dejjem tibki biex tmur. Ix-xhud jichad li l-intimata telqet minhabba vjolenza da parti ta' huh u mhux minnu li huh ma hallihiex titlaq bil-minuri D, izda l-ebda missier rinfaccat b'sitwazzjoni fejn is-

siehba tieghu ser titlaq, mhu ser jghidilha biex tiehu lil bintu maghha. Ix-xhud pero' ikklarifika illi hu ma kienx prezenti dakinhar li telqet l-intimata.

***Charles Pace, il-partner tal-intimata xehed permezz ta' affidavit, (vide fol 195 et seq)*** u spjega illi meta tigi l-minuri D nhar ta' hadd huwa jkun hemm u ghalhekk jara kif l-intimata tipprova taghmel mill-ahjar biex johorgu kollha f'daqqa u jiehdu gost flimkien. Izid illi qatt ma ra illi l-minuri tkun qieghda tiddejjaq anzi meta jkun wasal il-hin biex tmur lura d-dar tkun il-minuri li tghidilhom li ma tridx tmur lura u ghalhekk jemmen li l-minuri qieghda tkun mgielgha tghid li hi ma tiehux pjacir meta tkun ma' ommha. Jishaq illi l-intimata ghandha relazzjoni tajba hafna mal-minuri, u qatt ma jkun hemm konflitti. Jixed illi lill-minuri jitrattaha daqs li kieku hi t-tifla tieghu u dejjem jinkludiha f'xi *booking* ghal xi *weekend break*, izda l-missier qatt ma jhalli lill-minuri tmur maghhom. Izid illi meta jkun il-maltemp u joqghodu d-dar, il-minuri tiehu gost tilghab bil-*playstation* ma hutha, u joqghodu jieklu u jitkelmu d-dar, stante li l-minuri tiltaqgha maghhom darba f'gimgha biss, jippruvaw kemm jista jkun li t-tfal jikkomunikaw u jsiru jafu lil xulxin.

***Mario Pace, missier il-partner tal-intimata xehed permezz ta' affidavit (vide fol 198 et seq)*** spjega illi huwa jghix mal-intimata u ibnu u ghalhekk huwa jkun maghhom fil-bidu tal-gurnata tal-Hadd meta tigi D, u huwa jqies lil D bhal li kieku hija wahda minn neputijiet tieghu. Jixhed illi ghalkemm il-minuri hija tifla misthija, tkun komda tilghab u tkompli ma' kulhadd u qatt ma turi li b'xi mod hija tkun imdejaqa u dejjem tmur tajjeb ma' kulhadd anzi tidher li tkun kuntenta ma' ommha, hutha u ibnu.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attur missier fejn qieghed jitlob illi titnehha l-awtorita ta' genitur lill-konvenuta omm, b'dana illi l-attur missier ikun jista' jiehu kull decisjoni rigwardanti l-istess minuri wahdu u sabiex jitwaqqaf kull access tal-omm mal-minuri binthom. Illi di piu qieghed jitlob illi ma jkunx hemm il-htiega tal-kunsens tal-omm sabiex jinhareg passaport ghall-minuri u lanqas ma jkun mehtieg il-kunsens tal-omm sabiex il-minuri tkun tista' ssifer.

***Kura u l-kustodja tal-ulied***

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq

kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

---

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-***

[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

***access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.*** [8] ***Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

***Access:***

Illi fir-rigward l-access, inghad illi huwa generalment fl-ahjar interess tal-minuri illi tigi preservata r-relazzjoni taghhom maz-zewg genituri, indipendentement mill-istat tar-relazzjoni ta' bejn il-genituri stess. Illi l-Artikolu 57 tal-Kap 16 jipprovdi kif segwenti:

***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***

***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***

***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri.***

Din il-Qorti kif kellha l-okkazzjoni tishaq diversi drabi, ghandha l-obbligu u d-dmir illi thares u tipprotegi l-interessi tal-minuri. Illi l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

***B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel.***

Intqal ukoll mill-Qrati taghna illi:

[8] Enfazi tal-Qorti.

***Fejn jidhlu l-interessi tal-minuri, din il-Qorti ma hiex marbuta rigiditament bir-regoli tal-procedura, tant li l-artiklu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti setghat wiesgha lill-Qrati biex iharsu lill-minuri.***

***F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak li gie osservat mill-Qorti fis-Sentenza tat-30 ta' Gunju 2015 Citazzjoni Numru: 173/2014 fl-ismijiet A sive B C -vs- D sive E C per Imhallef Robert Mangion fejn intqal hekk:-***

***"Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 in dizamina jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti mhiex imxekkla b'regoli stretti ta' procedura. Difatti l-annotazzjoni fil-margni ghal dan l-artikolu li bl-Att XLVI tas-sena 1973 kien issostitwixxa artikolu iehor, jaqra kif gej: "Setgha tal-qorti li taghti ordnijiet minkejja disposizzjonijiet ohra". Hija ghalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' procedura rigoruza.***

***Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar tal-minuri anke jekk hadd mill-partijiet ma jkun ghamel talba fir-rigward."***

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-atti jirrizulta illi l-partijiet kienu involuti f'relazzjoni intima, mill-liema relazzjoni twielet il-minuri DC fil-31 ta'Ottubru 2012 u llum waslet biex taghlaq X– il sena.

Illi l-partijiet kienu resqu ghall-ftehim bonarju sabiex jirregolaw il-kura, kustodja access u manteniment tal-istess minuri u dana kif jirrizulta mill-kuntratt datat erbgha u ghorxin (24) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca Portelli, anness mar-rikors promotur u mmarkat bhala Dok A,. ***(Vide fol 6 et seq)***

Il-partijiet kienu qablu kif segwenti:

***3. Il-kura u l-kustodja legali tal-Minuri qieghda tigi fdata f'idejn il-missier.***

***4. Il-minuri ser tkun qieghda tirrisjedi primarjament mal-Missier bi dritt ta'***

***access liberu favur l-Omm skont kif jiftehmu il-partijiet minn zmien ghal zmien, b'dan pero illi f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet l-access minimu favur l-Omm ghandu jkun kif gej:***

***Kull nhar ta' Hadd mid-disgha ta' filghodu sal-hamsa ta' wara nofsinhar.***

***….***

***6. Decizjonijiet importanti dwar is-sahha u l-edukazzjoni tal-Minuri ghandhom jittiehdu mill-partijiet flimkien u konguntivament salv dejjem is-setghat tal-Qorti kompetenti f'kaz ta' konflitt bejn l-istess partijiet….***

***….***

***Safar:***

***10(1) Il-partijiet jaqblu li kwalunkwe safar tal-Minuri ikun jehtieg il-kunsens espress preventiv taz-zewg partijiet. In kwantu ghas-safar tal-Minuri, fid-dokument ta' kunsens irid jigi indikat il-perjodu ta' dak il-vjagg partikolari u l-pajjiz/pajjizi mahsuba f'dik is-safra kif ukoll kwalsiasi informazzjoni ohra relatata ma' l-istess safra. Il-partijiet jaqblu u jobbligaw irwiehom li ma jirrifjutawx tali kunsens minghajr raguni valida.***

…

***Manteniment:***

***11. Missier qieghed jobbliga ruhu li jhallas ghal bzonnijiet ordinarji kollha tal-Minuri. L-Omm ghandha tiehu hsieb il-bzonnijiet ordinarji tal-minuri meta din tkun fil-kustodja taghha. In oltre l-Missier jobliga ruhu illi jhallas ghall-ispejjes medici u edukattivi straordinarji tal-minuri. L-Omm qieghda tobbliga ruhha li tikkontribwixxi ghall-istess meta hija jkollha impjieg.***

Din il-Qorti taghraf illi fir-rigward l-ewwel talba tal-attur, u cioe li jigi appuntat Avukat tat-Tfal sabiex jisma lill-minuri D, bi qbil mal-partijiet gie deciz illi tkun din il-Qorti kif preseduta li tisma

lill-minuri D in camera. Illi din il-Qorti dejjem riteniet illi fejn huwa possibbli u fl-ahjar intress tal-minuri kkoncernati, il-minuri ghandhom jinghataw l-opportunita li jesprimu l-hsibijiet u x-xewqat taghhom, u kemm il-darba jkun fl-ahjar interess taghhom stess, din il-Qorti dejjem tfassal d-decizjonijiet taghha fl-ahjar nteress tat-tfal. Illi in vista tal- fatt li kienet il-Qorti stess li semghet il-minuri, il-Qorti tichad l-ewwel talba.

In tema legali ghandu jinghad illi galadarba r-rikorrenti qed jitlob varjazzjoni ta' stipulazzjonijiet kontrattwali, il-Qorti tqis b'mod generali li dak pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni, bhal kull kuntratt iehor, ghandu jitqies bhala vinkolanti daqs ligi bejn il-partijiet b'applikazzjoni tal-principju *pacta sunt servanda.* Tali principju huwa inkorporat fil-ligi taghna permezz tal-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 li jiddisponi:-

> ***"(1) Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom.***
>
> ***(2) Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi".***

Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Grace Spiteri v. Carmel sive Lino Camilleri et*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002 inghad dwar dan l-artikolu tal-ligi li:

> ***"Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili X Spiteri Staines"). App. Civ. 154/10 20***

Illi ghalkemm huwa principju li kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet u li l-massima legali "pacta sunt servanda" ghandha tigi segwita, fejn jidhlu kuntratti li jistipulaw, bl-approvazzjoni tal-Qorti, f'idejn min ghandha tkun il-kura u kustodja ta' minuri kif ***ukoll il-modalita' tal-access*** tali stipulazzjonijiet jistghu, f'kazijiet eccezzjonali, ***jigu emendati jekk l-interess suprem tal-minuri jkun hekk jiddetta.***[9]

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita li tisma xhieda viva voce tal-partijiet, tan-nanna paterna u taz-

[9] Vide 242/12 Qorti tal-Appell: Angela Bezzina vs Rudolf Aquilna 30/09/2016

ziju patern tal-minuri li huma involuti konsiderevolment fil-hajja tal-minuri D. Illi din il-Qorti kellha ukoll l-opportunita' li tisma lil minuri JF, u cioe bint l-attrici minn relazzjoni precedenti, u oht il-minuri D li qabel it-twelid ta' ohtha u anke wara ghamlet zmien konsiderevoli tirrisjedi mal-attur u ommu.

Din il-Qorti rat illi skond dak li xehed l-attur u l-familjari tieghu, dawn il-proceduri gew xprunati a causa tar-riluttanza da parti tal-minuri li tmur ghall-access mal-omm. Illi fil-prezent l-omm qieghda tezercita id-dritt ta'access taghha versu l-minuri nhar ta' Hadd bejn id-disgha' ta filghodu u l-hamsa ta' wara nofsinhar. Illi minn dak li xehdu l-attur missier, huh u ommu, jidher illi l-minuri sa minn nofs il-gimgha, tibda tibki ghaliex ma tkunx trid tmur ghall-access u milli tghidilhom il-minuri D, jidher illi l-minuri thossha mwarba minn ommha meta hija tkun qieghda maghhom nhar ta' Hadd. Illi l-attur, u l-familjari tieghu sostnew diversi drabi illi l-minuri tghidilhom illi waqt l-access, normalment hija tispicca ma taghmel xejn gewwa r-residenza ta' ommha u l-*partner* taghha, filwaqt li ommha u hutha l-ohra jmorru fil-kmamar rispettivi taghhom jorqdu jew jilghabu.

Illi l-verzjoni tal-intimata hija ghal kwantu opposta, b'dana illi l-intimata tishaq illi hi tispicca tirritorna lill-minuri tard ghaliex tant il-minuri tkun qieghda tiehu pjacir maghhom, li l-istess minuri ma tkunx trid tmur lura d-dar. Xehdet ukoll illi l-minuri kemm il-darba tghidilha illi ghalkemm tixtieq li jkollha iktar hin ma' ommha, li jkun ahjar jekk ma tghid xejn lil missierha sabiex jevitaw iktar argumenti.

Illi ghalkemm l-intimat ghamlet diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-persuna tal-attur, ma gew prezentatai l-ebda rapporti li saru mal-pulizija mill-intimata fil-konfront tal-attur, u dana minkejja li saret referenza ghal tali rapporti fix-xhieda tal-intimata. Illi din il-Qorti tosserva ukoll illi lanqas ma gew esebiti ritratti tal-attivitajiet li jsiru waqt l-access ta' nhar ta' Hadd mal-omm u hut il-minuri z-zghar u dan minkejja li l-intimat xehdet illi jhobbu l-jmorru picnics, jew granet il-bahar fix-xhur tas-Sajf.

Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri**,** u hemm diversi fatturi li l-Qorti trid tiehu kont taghhom f'sitwazzjonijiet bhal dik odjerna. Il-Qorti hija rinfaccata b'verzjonijiet kunfliggenti, pero' hija l-fehma konsiderata taghha illi l-verzjoni moghtija mill-attur u l-familjari tieghu hija wahda esegrata. Mix-xhieda prodotta mill-attur, huwa stabbilit li l-attur jqatta' l-parti kbira ta' hajtu fuq xogholu u **hija ommu u huh**, **li huma l-aktar persuni li jikkuraw lill-minuri.** Il-Qorti tinnota wkoll illi l-missier jqis

lil bintu bhala proprjeta tieghu. Di piu' jidher illi omm l-attur ma tantx tagevola lil D meta l-intimata tipprova ccemplilha. F'dan l-isfond ta' cirkostanzi, din il-Qorti ma tistghagibx li l-minuri taghmel taghha r-riluttanza ghall-access manifestat minn missier, nanna paterna u miz-ziju. Illi din il-Qorti ma tqisx illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li twaqqaf l-access mal-omm. Dan l-access huwa pjuttost wiehed limitat u fuq gurnata wahda, cioe kull nhar ta' Hadd.

Illi fir-rigward it-tieni talba tal-attur, biex l-omm tigi svestita mill-awtorita' ta' genitur fuq il-minuri D, din il-Qorti tqis illi ma jirrizultawx l-estremi li jimpellaw lill-Qorti li tnehhi d-drittijiet u l-obbligi ta' genitur. L-attur ma pprovda ebda xhieda serja li tirrendi lil omm bhala '*an unfit mother.'* L-allegazzjonijiet migjuba mill-attur u min-nanna materna u miz-ziju, huma lanjanzi ta' natura lieva maghmula f'cirkostanzi fejn il-Qorti tifhem illi l-missier ma jrid ebda influenza estera fuq bintu. Ghaldaqstant, il-Qorti tichad din it-talba.

Ghal dak pero li jirrigwarda l-applikazzjoni, hrug u tigdid tal-passaport, il-Qorti tawtorizza lill-missier japplika ghal tali hrug, gbir u tigdid tal-passport minghajr il-htiega, kunsens jew presenza tal-omm, b'dana illi l-omm ghandha tkun infurmata bil-miktub ghall-kwalsiasi safra tal-minuri, u taghti l-kunsens taghha bil-miktub u dana almenu minn tliet gimghat qabel.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante li din il-Qorti stess li semghet lill-minuri in camera;**

2. **Tichad t-tieni talba stante li ma jirrizultawx l-estremi li jimpellaw lill-Qorti tisvesti lill-omm mill-awtorita' ta' genitur;**

3. **Tichad it-tielet talba ghat-tnaqqis fl-access tal-omm;**

4. **Tilqa' r-raba talba limitatament u tordna illi l-attur missier japplika ghal tali hrug, gbir u tigdid tal-passport minghajr il-htiega, kunsens jew presenza tal-omm, b'dana illi l-omm ghandha tkun infurmata bil-miktub ghall-kwalsiasi safra tal-minuri, u taghti l-kunsens taghha bil-miktub u dana almenu minn tliet gimghat qabel.**

**Tordna li kull parti thallas l-ispejjes taghha.**

**Moqri.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**